MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 824/2012

**Middlesea Insurance PLC kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Andre Tabone u l-istess Andre Tabone (ID 324855M)**

**Vs**

**Creek Developments PLC (C 50531) u b'digriet tat-Tribunal datat 18 ta' Marzu, 2013 giet kjamata in kawza is-socjeta' 'Polidano Brothers Limited'.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Dicembru, 2012 fejn l-assikurazzjoni attrici talbet illi r-rikorrent Andre Tabone huwa proprjetarju ta' motor yatch li jgib l-isem Ocen Pearl irmiggjat gewwa pontoon numru zero (0), irmigg numru sitta (6) gewwa l-yatch marina tal-iMsida, li hija operata mis-socjeta' intimata, liema motor yatch huwa assikurat mas-socjeta' Middlesea Insurance plc, kif jidher mill-annessa policy form immarkata Dok AT1.

Illi fit-tnax (12) ta' Gunju elfejn u tnax (2012), impjegat tas-socjeta' intimata jew xi nies imqabbda minnha nfurmaw lil diversi propjetarji ta' dghajjes irmiggjati gewwa l-yatch marina tal-

iMsida li kellhom imexxu d-dghajjes taghhom lejn pontoon gdid, stante li kienu qieghdin jinbidlu l-pontoons;

Illi waqt dan il-process, gie nnutat mill-istess impjegati tas-socjeta' intimata li mhux id-dghajjes kollha gew irmiggjati skond l-angolu rikjest (right angle) mal-pontoon u bdew jiehdu passi sabiex jirrimedjaw din il-prblema, fosthom dan il-yatch tar-rikorrent Andre Tabone;

Illi r-rikorrent Andre Tabone kien mitlun mill-istess impjegati tas-socjeta' intimata jew nies imqabbda minnha sabiex jghinnhom jiddrittaw il-yatch permezz tal-bow thruster waqt li huma jiddrittaw il-yatch sabiex jigi angolat right angle mal-pontoon permezz ta' habel; waqt din il-manuvra izda, gara li l-islack mooring rope gie migbud lura mill-haddiema tas-socjeta' intimata jew nies imqabbda minnha, biss il-habel zejjed li ntrmea minnhom fl-ilma ngibed mill-bow thruster, b'rizultat li gew ikkawzati danni estensivi lill-Ocean Pearl, inkluz ir-rimpjazzar tal-gear box tal-bow thruster, liema rimpjazzar kien jirrikjedi li l-yatch jittella' mill-ilma;

Illi kawza tad-danni sofferti mir-rikorrent Andre Tabone, huwa ntavola insurance claim mas-socjeta' attrici Middlesea Insurance plc, liema insurance claim fil-fatt giet accettat u mhallsa fl-intjier taghha, cioe is-somma ta' elf mitejn u sitta u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,226.88);

Illi ghal dawn id-danni estensivi huma solitament responsabbli l-impjegati tas-socjeta' intimata, li b'imperisja u negligenza zammew l-islack mooring rope laxk wisq waqt il-manuvra fuq imsemmija, b'rizultat li l-mooring rope inqabad mal-bow thruster propeller;

Illi dawn id-danni estensivi kagunati jammontaw ghas-somma komplessiva ta' elfejn sitt mija u tnejn u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€2,662.96), konsistenti fis-somma ta' elf mitejn u sitta u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,226.88), prezz tal-insurance claim kif fuq imsemmi, tliet mija u zewg ewro u tmien centezmi (€302.08) somma dovuta lis-surveyor u s-somma ta' elf, mija u erbgha u tletin ewro (€1,134) prezz tal-policy excess li r-rikorrent Andre Tabone kellu jhallas sabiex infethet l-insurance claim, kif jidher mill-anness dokumenti mmarkato Dok AT2;

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet miz-zewg rikorrenti lis-socjeta' intimata sabiex din tal-ahhar tersaq ghal-hlas tas-somma fuq indikata, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha tigi adotta l-procedura odjerna;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu

1. Jiddikjara lis-socjeta' intimata responsabbli ghad-danni sofferti miz-zewg rikorrenti kawza tal-imperizja u negligenza tal-haddiema tas-socjeta' intimata;

2. Jillikwida s-somma dovuta mis-socjeta' intimata konsistenti fis-somma ta' elfejn, sitt mija u tnejn u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€2,662.96), oltre spejjez u interessi sad-data tal-pagament effettiv skond il-Ligi;

3. Jikkundanna lis-socjeta' intimata ghall-pagament tas-somma hekk likwidata jew somma ohra verjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata, bl-ingunzjoni tas-socjeta' intimata in subizzjoni.

Is-socjeta' Creek Developments plc ipprezentat r-risposta fit-12 ta' Frar, 2013 fejn eccepiet:

1. Illi s-socjeta' intimata m'hijiex l-legittimu kontradittur stante illi x-xogholijiet fil-marina kienu qeghdin issiru mis-socjeta' Polidano Brothers Ltd, u ghalhekk s-socjeta' intimata ghandha tigi liberata mill-osservazzjoni tal-gudizzji u m'ghandiex tbati ebda spejjez.

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex m'huwiex minnu li l-attur Andre Tabone gie mitlub mill-impjegati tas-socjeta' intimata biex jghinhom jiddrittaw il-yatch tieghu ghaliex ix-xogholijiet saru minn Polidano Brothers Ltd as insaputo u minghajr awtorizzazzjoni tas-socjeta' intimata.

3. Illi kwalunkwe danni li gew ikkagunati lill-yatch ta' l-attur huma responsabilita' esklussiva ta' Polidano Brothers Ltd u mhux tas-socjeta' intimata.

4. Illi subordinatament u minghajr prejudizzju ghal fuq espost, l-ammont reklamat huwa esagerat.

Fil-15 ta' Marzu, 2013 tressqet talba ghall-kjamat in kawza ta' Polidano Brothers Ltd.

Is-socjeta' kjamata in kawza Polidano Brothers Ltd ipprezentat risposta fit-3 ta' Mejju, 2013 fejn gie eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi nkwantu ix-xoghol li wettqet is-socjeta' esponenti sar skond is-sengha u l-arti u skond il-ftehim, miftiehem u approvat mis-socjeta' intimata Creek Developments plc.

2. Illi minghajr pregudizzju u ghas-suespost, is-socjeta' esponenti m'ghandiex twiegeb ghad-danni allegatament sofferti mill-assikurat tas-socjeta' attrici stante illi tali hsarat huma impurabbli lil Andre Tabone nnifsu.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-obbligu kien fuq l-assikurat tas-socjeta' attrici illi jcaqlaq id-dghajsa tieghu, u jobdi d-direttivi ta' -irmagg;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Xehed l-attur Andre Tabone permezz ta' affidavit li spjega illi wara li dahal il-cabin cruiser tieghu lura fil-pontoon din am baqghetx 90 degrees mal-pontoon izda minhabba l-hbula giet angulata. Il-lanca tieghu kienet wahda minn ta' l-ewwel li dahlu f'posthom. Prezenti kien hemm il-harbour master Geroge u l-formen tal-kuntrattur. Issejjah ukoll id-diver jirranga l-hbula ta' taht il-bahar.

Il-foreman tal-kuntrattur kien fuq id-dghajsa jigbed il-habel biex jidrittaha. Inqala ftit rih u l-attur intalab jghin billi jhaddem il-bow thruster tal-lanca. Gara li l-foreman waqt li kien qed jigbed il-habel tefa l-islack lura l-bahar u dan inqabad mill-bow thruster u nkisser.

Kien ghalhekk illi l-attur inkonra l-ispejjez mitluba. L-ircevuta tal-ammont giet ikkonfermata bil-gurament minn Nathalino Farrugia Direttur tal-Kumpanija General Automations Services Ltd.

Xehed Gordon Polidano li huwa l-General Manager tas-socjeta' kjamata in kawza li qal illi x-xogholijiet li saru mis-socjeta' Polidano Brothers fil-Marina ta' Ta' Xbiex saru skond l-arti u s-sengha u skond l-istruzzjonijiet mghotija mis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta kienet qed taghmel supervision tax-xoghol u sahansitra ntuza l-materjal mitlub minna stess. Ix-xoghol kien jigi ccertifikat mill-Berth Master George Mercieca u qatt ma kien hemm ilmenti ta' xoghol; hazin.

Dan ix-xhud spjega illi waqt li l-attur garrab il-hsara kien qed isuq wahdu u kellu diffikulta jikkontrolla d-dghajsa tieghu.

Dan gie kkonfermat ukoll minn Joseph Caruana impjegat tas-socjeta' kjamata in kawza fejn fl-affidavit tieghu spjega illi hu jahdem bhala diver. Jghid illi d-direttiva biex is-sidien idahhlu d-dghajjes taghhom lura fil-berthing places inghatat mis-socjeta' Creek Developments. Id-diver jghid illi sid id-dghajsa Andre Tabone beda jsib diffikulta jimmanuvra d-dghajsa peress illi kien ir-rih u ghalhekk id-dghajsa bdiet iddur fuq genb wiehed.

Xehed George Mercieca Berth Master. Dan ix-xhud qal illi hu kien ta' istruzzjonijiet biex id-dghajsa in kwistjoni tidhol lurapostha peress illi kienu tawh struzzjonijiet illi x-xoghol kien lest. Wara li dahlet id-dghajsa induna li l-hbula ma kienux 90 degrees mal-pontoon u ghalhekk ta' struzzjonijiet lil Polidano Brothers biex jirrengawhom. Xogholu kien li jara li s-soghol ikun sar sew imma x-xoghol ghamluh ta' Polidano Brothers.

It-Tribunal ikkunsidra .

Illi din il-kawza titratta dwar danni li garrab l-attur minhabba li waqt li kien qed idahhal l-lanca postha saru xi modifikazzjonijiet fil-hbula tal-portoon u konsegwenza t'hekk garab hsara fil-bow thruster. Huwa veru illi x-xogholijiet saru minn Polidano Brothers pero dawn saru fuq istruzzjonijiet tal-kumpanija konvenuta Creek Developments Ltd li hadu l-inkarigu wkoll li jissorveljaw ix-xogholijiet. Din il-kumpanija u cioe Creek Development Ltd ma messhiex halliet xogholijiet li ma sarux tajjeb jigu trangati waqt li l-lanca kienet diehla fil-post.

Mill-banda l-ohra t-Tribunal lanqas jassumi bhala veritiera x-xhieda li taw l-impjegati ta' Polidano Brothers fejn donnhom farfru r-responsabilita kollha fuq sid id-dghajsa li ma kienx kapaci jikkontrolla d-dghajsa tieghu fir-rih. Donnhom hargilhom kompletament minn mohhom li l-hbula kienu mwahhlin fil-post hazin biex hallew id-dghajsa marbuta angolata mal-portoon u mhux 90 degrees.

Din l-argolatura attribwawha ghar-rih li nqala. Mentri l-kumpanija Creek Developments permezz tal-Berth Master tikkonferma illi l-hbula twahhlu fil-post hazin fejn gie allegat illi din hija xi haga li tigri u tigi rrangata.

Illi n-naha l-ohra t-Tribunal ihoss illi r-responsabbli tas-sorvelja tax-xoghol li kienet f'idejn is-socjeta' konvenuta ma sarx sew. Li kieku sar sew ma kienx ikun hemm ghalfejn wiehed jaghmel l-aggustament waqt li l-lanca kienet fuq il-post. B'konsegwenza illi l-lanca garbet hsara.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi minkejja l-habel li kkawza l-hsara kien f'idejn impjegat tal-kumpanija Polidano Brothers madanakollu s-socjeta' Creek Developments kellha r-responsabilita tax-xogholijiet, liema responsabilita ma tistax tfarfara fuq is-socjeta' Polidano Brothers li mxew mal-istruzzjonijiet tal-kumpanija Creek Developers. Is-socjeta' Creek Developers fl-ebda mument ma allegat illi kien hemm xi struzzjonijiet li ma gewx obduti mill-kumpanija Polidano Brothers.

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici u filwaqt illi jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta'  kjamata in kawza Polidano Brothers, jichad l-eccezzjonijiet tas-Socjeta' Creek Developers u jikkundannhom jhallsu l-ammont ta' elfejn sitt mija tnejn u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€2,662.92) lil attur Middlesea Insurance u Andre Tabone.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' Creek Developerments.

Pagament issir, elf mija u erbgha u tletin ewro (€1,134) u l-kumplament lis-socjeta Middlesea Insurance plc.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------